



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0343/2022**

29.6.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa  
(2022/2734(RSP))

**Andżelika Anna Możdżanowska, Ryszard Antoni Legutko, Bogdan Rzońca, Patryk Jaki, Zdzisław Krasnodębski, Jacek Saryusz-Wolski**  
f'isem il-Grupp ECR

**B9-0343/2022**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa (2022/2734(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) kif ukoll l-Artikolu 114(2) u l-Artikoli 115 u 326 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
  - wara li kkunsidra d-"Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastrji biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija", maħruġa fil-kuntest tal-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)/G20, li aderew magħha u qablu dwarha 137 mill-141 membru sal-4 ta' Novembru 2021,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823), li hija appoġġata minn 137 ġurisdizzjoni, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ungeriż tal-21 ta' Ġunju 2022 li topponi l-proposta għal direttiva tal-Kunsill,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 intitolata "Il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi"<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-17 ta' Ġunju 2022,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi huwa fundamentali li l-bażi tat-taxxa tiġi protetta u li l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa jiġu miġġielda, kif ukoll li jingħata appoġġ lill-irkupru ekonomiku u soċjali tal-Unjoni u li jiġu ffaċċjati l-isfidi eżistenti;

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0216.

<sup>2</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0219.

- B. billi l-evitar tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa jimminaw id-dħul tal-gvern, kif ukoll is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, il-fiduċja fis-sistemi tat-taxxa u l-ġustizzja fiskali;
  - C. billi l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa ma għandhiex tnaqqas il-benefiċċji pożittivi tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa bejn l-Istati Membri;
  - D. billi, fit-8 ta' Ottubru 2021, 136 mill-140 membru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS qablu fuq riforma tas-sistema internazzjonali tat-taxxa fl-ambitu ta' soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u introduċew ftehim dwar rata tat-taxxa korporattiva minima globali ta' 15 % għall-intrapriżi multinazzjonali b'fatturat ikkombinat ta' grupp ta' mill-inqas EUR 750 miljun;
  - E. billi t-tassazzjoni hija taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Istati Membri u hija suġġetta għar-rekwiżit ta' unanimità fil-Kunsill; billi l-Parlament jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sovranietà tat-taxxa nazzjonali;
  - F. billi l-adozzjoni ta' direttiva tal-UE li ssostni u timplimenta t-tieni pilastru ta' dan il-ftehim internazzjonali (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru) falliet tliet darbiet fil-konfigurazzjoni "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" tal-Kunsill, minħabba li ma nkisbitx l-unanimità;
  - G. billi l-Ungerija invokat il-veto nazzjonali tagħha biex timpedixxi l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;
1. Jilqa' l-ftehim milħuq fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 f'Ottubru 2021; jilqa' l-fatt li 137 ġurisdizzjoni ffirmaw id-dikjarazzjoni politika dwar is-soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, li tintroduċi rata ta' taxxa korporattiva minima globali ta' 15 % għall-intrapriżi multinazzjonali b'fatturat ikkombinat ta' grupp ta' mill-inqas EUR 750 miljun;
  2. Jişhaq li biex il-proċess ikun wieħed ta' suċċess se jkun deċiżiv li l-ftehim jiġi implimentat malajr u b'mod estensiv fil-livell dinji;
  3. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 għal direttiva tal-Kunsill immirata lejn l-implimentazzjoni tat-tieni pilastru tal-Qafas Inklużiv<sup>3</sup>; jieħu nota li hija bbażata fuq l-Artikolu 115 tat-TFUE;
  4. Jirrikonoxxi li diversi Stati Membri qajmu oġġezzjonijiet matul in-negozjati fil-Kunsill; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi implimentazzjoni preċiża tal-ftehim tal-OECD; iwissi kontra l-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali li jmorru lil hinn minn dak li ġie miftiehem internazzjonalment fil-livell tal-OECD, peress li hemm riskju li r-regolamentazzjoni żejda fil-livell tal-UE ddgħajjef il-kompetittività tal-pajjiżi tal-UE u

---

<sup>3</sup> COM(2021)0823.

jkollha impatt negattiv fuq l-impjiegi u l-benesseri tal-konsumaturi;

5. Jinnota li l-Kummissjoni qagħdet fuq il-valutazzjoni ġenerali tal-OECD u ma ppreżentatx il-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva li trid issir qabel ma din id-direttiva tidħol fis-seħħ; jikkunsidra li din il-valutazzjoni tal-impatt għandha bżonn tqis xenarju li fih l-Istati Uniti u sħab kummerċjali ewlenin oħra jew ma jimplimentawx ir-Regoli Mudell tal-OECD jew inkella jimplimentawhom b'dewmien sinifikanti;
6. Jinnota l-eżitu mhux sodisfaċenti tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-17 ta' Ġunju, peress li ma ntlaħaqx appoġġ unanimu għad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru; jieħu nota tal-bidla fil-pożizzjoni ta' Stat Membru wieħed rigward l-appoġġ għad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru;
7. Huwa tal-fehma li l-istabbiliment ta' bażi tat-taxxa wiesgħa u t-tnaqqis tal-possibbiltajiet ta' evażjoni tat-taxxa, frodi tat-taxxa u ppjanar aggressiv tat-taxxa huma direzzjoni politika li tiffurma parti minn reazzjoni xierqa għall-isfidi ekonomiċi u fiskali attwali; jiġbed, fl-istess waqt, l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa bejn l-Istati Membri tinżamm ġusta u trasparenti, u għalhekk twassal għat-tkabbir u l-impjiegi;
8. Jirrikonoxxi s-sensittività tal-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tat-tassazzjoni; jisħaq li l-mekkaniżmu ta' teħid ta' deċiżjonijiet unanimu huwa parti mit-Trattati tal-Unjoni, u dan jagħti lill-Istati Membri setgħa sinifikanti li jirrifjutaw xi proposti; ifakkar lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, li din is-setgħa sinifikanti trid tiġi kontroblanċjata minn livell għoli ħafna ta' responsabbiltà f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, b'mod li jappoġġa lill-Unjoni u l-oġġettivi tagħha, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u jiġu evitati impatti negattivi fuq l-allinjament ġenerali tal-prinċipji tat-tassazzjoni tal-UE;
9. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' tintuża biss bħala soluzzjoni tal-aħħar istanza u trid tissodisfa l-prekundizzjonijiet li jstabbilixxu li "l-oġġettivi ta' dik il-koperazzjoni ma jistgħux jitwettqu fi żmien raġonevoli mill-Unjoni sħiħa", kif jirrikjedi l-Artikolu 20 tat-TUE, u li "din il-koperazzjoni m'għandha tikkomprometti la s-suq intern u lanqas il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. M'għandhiex tkun ta' ostakolu jew ta' diskriminazzjoni għall-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas m'għandha tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni bejniethom", kif jirrikjedi l-Artikolu 326 tat-TFUE;
10. Jissottolinja li huwa fl-aħjar interess tal-UE li tippromwovi kundizzjonijiet trasparenti u ġusti għall-kompetizzjoni fis-suq globali;
11. Jenfasizza li, fl-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE, livelli moderati ta' taxxa kif ukoll liġijiet tat-taxxa sempliċi u ċari jgħinu biex joħlqu l-impjiegi, itejbu l-kompetittività tal-UE u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa;
12. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw regoli tat-taxxa aktar konsistenti u l-implimentazzjoni tagħhom, jiproteġu l-funzjonament tas-suq uniku u jiżguraw il-prinċipju ta' ntaxxar fejn jiġi ġġenerat il-profit;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.